MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta ta' 15 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 521/1990/1

**Esther mart Vincent Albert Muscat debitament awtorizzata biex tistitwixxi din il-kawza b'digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili Numru 327/90 (Dok. A).**

**Vs**

**L-istess Vincent Albert Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba adulterju, eccessi, theddid, mohqrija, sevizzi u ingurji gravi da parti tal-konvenut, u anke billi z-zwieg tkisser irrimedjabilment;

U Premess illi l-attrici ottjeniet mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili l-awtorizzazzjoni ghal presenti procedura skond digriet numru 327/90 (Dok. A);

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti b'tort unikament tal-konvenut u konsegwentement l-attrici tigi awtorizzata tghix separata minn zewgha "*a mensa et thoro*";

2. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

3. Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti u taqsamha f'zewg porzjonijiet ugwali u wahda tigi assenjata lill-attrici u l-ohra lill-konvenut;

4. Tikkundanna lilll-konvenut biex jghaddi ghall-imsemmija martu dik ir-retta alimentarja li joghgoba dina l-Qorti tistabbilixxi, bil-modalitajiet li joghgoba tiffissa;

5. Tiddikjarat lill-konvenut li ddekada mid-drittijiet tieghu, kif provdut fl-artikoli 48, 50, 51 u 52 tal-Kodici Civili jew dawk minnhom applikabbli ghal kaz.

Bl-ispejjez inklusi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili u dawk tal-Mandat ta' Impediment tas-Safar numru 187/90, dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 723/90, tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 722/90 u tar-rikors skond l-Artikolu 470A tal-Kap. 12 tal-11 ta' Mejju 1990 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa eccepixxa:-

Illi hu ma kienx jopponi ruhu ghas-separazzjoni (izda minhabba anke tortijiet ta' l-attrici) u ghax-xjoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Jopponi ruhu ghall-kundanna ghall-alimenti peress li l-attrici tilfet dan id-dritt minhabba l-kondotta taghha immorali ma' diversi rgiel;

Ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Gunju 1990 li permezz tieghu gie nominat l-avukat Dr. Joseph Zammit McKeon bhala espert legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Kif ukoll il-Verbal ta' l-Udjenza tat-12 ta' Jannar 1994 li permezz tieghu l-imsemmi Dr. Joseph Zammit McKeon gie sostitwit fl-istess imkarigu u fakoltajiet bl-avukat Dr. Mark Chetcuti;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi Dr. Mark Chetcuti li tinsab a fol. 256 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza ta' l-14 ta' Dicembru 1994;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Marzu 1999 li permezz tieghu, wara li l-partijiet kienu qablu li kellhom isiru l-istimi opportuni, gie nominat il-perit arkitett David Pace biex jaghmel il-valutazzjoni tal-beni immobbli u tad-drittijiet tal-beni imsemmija; l-imsemmi espert ipprezenta r-relazzjoni tieghu fit-12 ta' Settembru tas-sena 2000 izda dina ma gietx inserita fil-process peress li l-konvenut, li kellu jhallas l-ispejjez ta' din il-perizja, baqa' inadempjenti;

Rat l-atti kollha tal-process u senjatament il-bosta stimi pprezentati u l-affidavit tal-kontendenti u anki tal-familjari;

Rat in-noti estensivi pprezentati mill-abbli difensuri;

Semghet it-trattazzjoni fit-tul li ghamlu l-istess imsemmija difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attrici pprezentat din ic-citazzjoni biex il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali taghha minn ma' zewgha l-konvenut u dan minhabba htijiet attribwibbli lill-istess konvenut u fost dawn in-nuqqasijiet minnha allegati hemm ukoll l-adulterju; talbet ukoll ix-xoljiment u d-divizjoni tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti, kif ukoll manteniment ghall-istess attrici;

Illi minn naha tieghu l-konvenut ma opponix ghat-talba ghas-separazzjoni ghalkemm issottometta illi kien hemm ukoll xi tortijiet da parti ta' l-attrici izda pero` oppona ghal kundanna tal-manteniment u dan peress li "*l-attrici tilfet dan id-dritt minhabba li l-kondotta taghha immorali ma' diversi rgiel*";

Illi fix-xhieda taghha l-attrici spjegat illi l-konvenut kien vjolenti maghha anki waqt l-istess *honeymoon*; huwa ma kienx ihalliha tmur tara lill-familjari taghha; hija tispjega kif il-konvenut kien proprju bla flus u kien igeghelha titlob xi haga minghand missierha jew minghand hutha; hija kienet tipprova tahdem xi xoghol tal-hjata waqt li l-konvenut, ghalkemm bla flus, kien johrog jilghab il-biliard u meta kien ikollhom xi jghidu kien anke jerfa' idejh fuqha. Il-konvenut beda kultant isib xi xoghol 'l hawn u 'l hinn pero` ma saddad imkien u l-attrici tallega illi huwa tilef diversi *jobs*, xi uhud minnhom anke minhabba nuqqas tieghu fosthom xi frodi imsemmi fix-xhieda ta' l-istess attrici. Barra minn dan kien imur il-casino u jilghab ukoll xi flus;

Illi tul iz-zwieg taghhom huma kellhom tlett itfal izda l-konvenut baqa' minghajr xoghol fiss u di piu` beda wkoll

jiffrekwenta xi nisa ohra fosthom wahda mara skocciza. Hu mar jghix maghha ghal xi zmien u ha mieghu l-flus kollha li kellhom. Fl-1986 huwa beda r-relazzjoni ma' certu wahda Ursola ta' nazzjonalita` tedeska u jidher li maghha ghadu jikkoabita sallum gewwa villa f'Santa Maria Estate;

Illi l-konvenut kien f'dawk iz-zminijiet ha hanut gewwa lukanda f'Selmun u jidher illi hemm hekk kien iltaqa' ma' din it-tedeska li maghha qieghed jikkoabita;

L-attrici tispjega illi kienet tahdem daqs zewgha meta nfetah dan il-hanut u anki meta in segwitu huma hadu restaurant gewwa Paceville fejn kienet tahdem flimkien ma' uliedha jsajru, "*hi u uliedha kienu jiehdu hsieb ir-restaurant, isajru, inaddfu u jixtru l-bzonnijiet kollha*";

Illi f'din il-kawza ftit tressqu xhieda oltre l-kontendenti izda l-Qorti tati hafna importanza lix-xhieda ta' binthom Gloria mizzewga Debono fejn spjegat in-nuqqasijiet ta' missierha u fost affarijiet ohra tghid "*minn mindu ghalaqt it-tlettax-il sena geghelni nahdem ghalih minghajr ma kien itini sold paga. Dan kien igeghelni naghmlu alavolja kont ghadni l-iskola. Meta ma kontx nobdih kien isir vjolenti. Meta wasalt biex izzewwigt l-ewwel kien qalli li ma kienx ser ihallini nizzewweg jekk ma naghmilx dak li jghid hu, imbaghad xi xahrejn qabel iz-zwieg qalli biex immur naghmel il-preparazzjonijiet.*";

Illi l-konvenut, hlief fl-ahhar meta l-kawza waslet ghal decizjoni u kien hemm il-kwistjoni tal-valutazzjoni tal-proprjeta tal-komunjoni, ma xehedx f'din il-kawza dwar il-meritu tac-citazzjoni izda fil-fatt ipprezenta dokument ta' process iehor quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Il-konvenut jipprova jaghti impressjoni illi kienu l-kappricci tal-mara illi ma hallewhx jiehu r-ruh finanzjarjament ghalkemm ma spjegax dawn l-ispejjez tal-mara f'hiex kienu jikkonsistu; jiddikjara wkoll illi issa "*sab il-kuntentizza mal-germaniza*";

Illi irid jigi rilevat illi l-konvenut fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu u fin-nota ta' l-eccezzjonijiet jallega illi

huwa kien qed jopponi ghal hlas tal-manteniment peress li martu kienet tghix hajja immorali u kienet tmur ma' l-irgiel; il-Qorti ma tistax tifhem kif il-konvenut seta' jaghmel allegazzjonijiet tant serji u imbaghad kawza li ilha tant snin lanqas biss ghamel tentattiv biex jipprova jgib xi provi in sostenn ta' din l-allegazzjoni tassew serja li ghamel;

Illi l-Qorti ma ghandha l-ebda esitazzjoni illi fic-cirkostanzi u fid-dawl ta' l-atti kollha tal-process u tad-dokumenti esebiti taqbel ma' l-abbli relatur li kkonkluda illi "*it-tkissir taz-zwieg kien biss htija tal-konvenut minhabba s-swat u l-adulterju kommess minnu.*";

Illi wara li talbet is-separazzjoni personali taghha minn mal-konvenut, l-attrici talbet ukoll illi huwa jigi kkundannat ihallasha manteniment adegwat; dan il-manteniment kien gie stabbilit mis-Sekond' Awla ta' dina l-Qorti fil-bidu tal-proceduri odjerni fl-ammont ta' hamsin lira (Lm50) fil-gimgha; dan kien f'Marzu 1990 jigifieri aktar minn tnax-il sena ilu;

Illi mill-atti jirrizulta li l-konvenut ilu li waqaf ihallas dan il-manteniment zmien twil u sahansitra fl-ahhar zmien tal-kawza talab li jkun hemm digriet li jezentah milli jkompli jhallas il-manteniment; din it-talba huwa bbazaha principalment fuq ir-rifjut ta' l-attrici illi tikri lil terzi parti mid-dar matrimonjali bhala hanut sabiex tkun tista' ddahhal xi haga tal-flus;

Illi llum il-konvenut ghandu xi sitta u sittin sena u ghadu jghix f'villa f'Santa Maria Estate illi huwa kien kera f'Jannar 1988 u li fiha ilu jghix minn dak iz-zmien mal-konkubina tieghu u dan sa mill-bidu ta' dawn il-proceduri; b'dana kollu il-konvenut ihoss li martu ghandha tikri parti mid-dar matrimonjali fejn hi ghixet minn dejjem u dan peress li jekk tikri parti minnha dan "*ma jfixkilix fit-tgawdija tad-dar*";

Illi jrid jigi rilevat li sa mill-1996, f'rikors ghar-rikjam tal-kawza, l-attrici ssottomettiet li "*ghandha biza' fondat illi zewgha ser ikompli jisparparja l-assi u tkun skopertha ghal dejn fil-konfronti tal-Bank of Valletta Limited*"; irrizulta wkoll pero` illi fil-fatt il-konvenut baqa' ma hallasx ic-cens li

kien gravanti fuq appartament gewwa Swieqi li kien proprjeta` tal-komunjoni ta' l-akkwisti u, ghalkemm ma hemmx dokumenti konklusivi jidher illi bhala rizultat ta' dan in-nuqqas ta' hlas tac-cens, dan l-appartament gie mehud mill-proprjetarji originali. L-attegjament intransigenti u ta' sfida tal-konvenut jidher car meta wiehed jirrealizza illi kull ma kellu jhallas bhala cens kienet is-somma ta' Lm36 fis-sena; ma jistax wiehed ma jibdix jissuspetta illi kien hemm xi manuvra fl-isfond ta' kif suppost svolgew ic-cirkostanzi relattivi ghalkemm dan kollu irid jinghad fid-dawl ta' xi accenni li saru fil-process; jidher li dan l-appartament fis-Swieqi kien "*three bedroomed flat*" f'zona residenzjali u ghandu wkoll l-arja sovrastanti u li jinsab deskritt a fol. 396 tal-process fl-istima pprezentata mill-perit inkarigat mill-attrici, il-Perit Frederick Ellul; sfortunatament meta b'risposta il-konvenut inkariga lill-Perit Ray Sammut biex jistma l-assi tal-komunjoni dan anqas biss inkluda dan il-flat presumibilment ghax kien ser jintilef favur terzi. Il-Perit Ellul kien stmah tlieta u ghoxrin elf lira (Lm23000);

Illi oltre dan in-nuqqas tal-konvenut, irrizulta wkoll illi huwa hallas il-manteniment ordnat fl-1990 biss ghal zmien qasir u l-attrici f'nota taghha ta' April 1998 issottomettiet li sa dakinhar il-konvenut kien moruz fil-pagament fl-ammont ta' Lm6750; ma jirrizultax li wara dik id-data l-konvenut ghamel xi pagament u dan gie anki konfermat fit-trattazzjoni li saret quddiem il-Qorti, u ghalhekk sallum huwa ghandu jaghti lill-attrici ammont konsiderevoli li jista' jigi kkalkulat superjuri ghal sittax-il elf lira;

Illi c-cirkostanzi tat-telf tal-flat f'tas-Swieqi u l-ammont ta' arretrati li l-konvenut naqas li jhallas lill-attrici sejrin jigu mehuda in konsiderazzjoni meta din il-Qorti, aktar 'il quddiem ser tiddeciedi dwar id-divizjoni ta' l-assi li baqa' u taghmel il-konkluzzjonijiet mehtiega dwar il-manteniment;

Illi una volta superata l-kwistjoni tad-dikjarazzjoni tas-separazzjoni personali u r-responsabilita` esklusiva tal-konvenut ghat-tkissir taz-zwieg, il-punt li jrid jigi determinat jikkoncerna d-divizjoni ta' l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti

li ghad fadal bejn il-kontendenti wara tnax-il sena ta' litigazzjoni l-Qorti;

Illi l-konvenut ilu fin-negozju zmien twil u rrizulta car illi l-attrici kkontribwit materjalment u sostanzjalment ghal dak li l-koppja rnexxilha tibni fl-ewwel zmien taz-zwieg (probabilment saz-zmien meta huma sofrew it-telfa tragika ta' wiehed minn uliedhom); kienu akkwistaw diversi proprjetajiet immobiljarji u dan hlief ghal flat fis-Swieqi fuq imsemmi ghadhom jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti sakemm ma kienx hemm xi manuvri li graw u li pero` ma jirrizultawx minn dawn l-atti. Oltre dan, huma wkoll gemmghu ammont konsiderevoli ta' flus kontanti (li l-attrici tallega li ttiehdu minn zewgha meta huwa beda jghix ma' diversi nisa) u fil-gestjoni ta' hwienet u formazzjoni ta' socjetajiet. Naturalment il-konvenut kellu f'idejh l-amministrazzjoni esklusiva ta' dan in-negozju kollu ghalkemm fil-bidu kemm l-attrici kif ukoll uliedhom irrizulta li hadu parti sostanzjali fl-izvilupp taghhom. Tul ix-xhieda li nghatat mill-konvenut dejjem ipprova jaghti stampa li dawn kienu biss ta' piz u qisu qatt ma qala' xejn - anzi elenka serje ta' djun;

Illi l-Qorti rat ukoll l-atti esebiti fil-process li jirreferu ghal citazzjoni u atti gudizzjarji pprezentati minn kumpanija ta' assigurazzjoni ghal ftit mijiet ta' liri u dan jindika li l-konvenut ipprova jaghti stampa tieghu nnifsu ta' bniedem illi kien proprju bla sold; anqas dawn l-ammonti ma thallsu u waslu ghal spejjez li rduppjaw id-dejn. Din kienet tixbah il-pika msemmija aktar 'il fuq fil-hlas tac-cens ta' Lm36 fis-sena fuq appartament fis-Swieqi;

Illi l-Qorti ma tistax ma tirrimarkax dwar l-attegjament negattiv muri mill-konvenut tul din il-kawza - bizzejjed wiehed jara li meta l-kawza marret *sine die*, il-konvenut dam aktar minn sena biex jigi notifikat bir-riappuntament minkejja l-ghexiren ta' notifiki li thallsu izda li kienu kollha negattivi; dan l-attegjament intwera wkoll fid-diffikulta li jaghti access lill-periti nominati kif ukoll fin-nuqqas tieghu li jhallas id-dritt peritali li gie debitament intaxxat u notifikat lilu. Harsa lejn id-diversi verbali ta' din il-kawza jispjegaw

ahjar dak li gara tul il-bosta snin li fihom tkaxkret din il-kawza;

Illi l-Qorti hi tal-fehma soda li l-konvenut dejjem qala' flus tajba; baqa' jghix f'villa kbira fil-Mellieha li f'Jannar ta' l-1988 inkriet bis-somma sabiha ta' Lm1200 fis-sena, huwa dejjem saq karozzi ta' valur u ghix il-hajja illi kien jghix qabel. Huwa kellu flus kontanti, negozji f'lukanda ewlenija u l-gestjoni ta' restaurant sabih propju fic-centru ta' Paceville - restaurant ta' madwar 50 *cover* - li kien bilfors jirrendilu ammont konsiderevoli ta' qliegh liema profitti ilu jgawdihom sa mill-bidu ta' dawn il-proceduri. Il-manuvri tal-kiri u sullokazzjonijiet u formazzjoni ta' socjeta` flimkien mal-konkubina tieghu, xejn ma jimpressjonaw lill-Qorti li hi tal-fehma li huwa kien u ghadu l-beneficcjarju reali tal-profitti maghmula minn dan ir-restaurant f'nofs zona turistika importanti. Dan ir-restaurant huwa fil-beni li jirrendi l-izjed ghal komunjoni izda huma ghandhom ukoll garaxx f'Upper Gardens mikri lil terzi li jirrendi s-somma ta' Lm1200 fis-sena;

Illi inoltre hemm ukoll id-dar matrimonjali li dwarha saru hafna sottomissjonijiet; din kienet minn dejjem id-dar tal-familja Muscat u l-Qorti ma ghandha ebda ezitazzjoni li tiddeciedi illi din id-dar ghandha tibqa' d-dar ta' l-abitazzjoni ta' l-attrici ad eskluzjoni tal-konvenut li minn naha tieghu ilu li abbanduna aktar minn erbatax-il sena din id-dar matrimonjali u mar jakkoabita f'villa kbira gewwa il-Mellieha li presumibilment hija wkoll ammobbilita kif imiss;

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa d-diversi noti pprezentati mill-abbli difensuri li wkoll ittrattaw il-kawza ezawrentement, u hasbet fit-tul fuq ic-cirkostanzi kollha relattivi; ikkonsidrat id-diffikulta li jigi stabbilit dak li attwalment ghandu l-konvenut oltre l-gestjoni ta' l-imsemmi restaurant u tal-hwienet fil-lukanda, pero` tifhem li l-konvenut jkun ha l-passi kollha biex jevita li l-attrici taghmel xi gwadan mill-assi tieghu li setghu ma jkunux daqs hekk evidenti. Il-Qorti hadet ukoll nota ta' l-intransigenza tal-konvenut li jhallas il-manteniment fl-ammont stabbilit aktar minn tnax-il sena ilu; jigi rilevat li l-

attrici naqset li tinsisti bi proceduri kriminali u dan probabilment peress li hija dejjem habbet lil zewgha kif hija dejjem uriet id-disponibilta` taghha li taccetta kull forma ta' att rikonciljattiv li l-konvenut kien kultant jitfalha (li anki kkontribwixxa hafna ghad-dewmien inutli li hadu dawn il-proceduri);

Illi l-Qorti ghalhekk sejra tipprova tasal ghal decizjoni ekkwa u li ma thallix wisq skop ghal proceduri ulterjuri li certament jaghmlu hafna hsara mhux biss finanzjarja imma anke psikologika senjatament lill-attrici - ghalhekk mhux ser tikkundanna lill-konvenut ihallas il-manteniment lil martu proprju biex tevita dawn id-diffikultajiet. Soluzzjoni bhal din tista' tkun (u x'aktarx tkun) ta' pregudizzju finanzjarju ghall-attrici imma l-Qorti tifhem li tkun l-ahjar ghazla fic-cirkostanzi vigenti;

Illi waqt li lill-attrici ser tigi assenjata d-dar matrimonjali u l-garaxx f'Upper Gardens li bil-kera tieghu l-attrici tkun tista' tippercepixxi ammont ghal ghixien taghha, lill-konvenut ser jigu assenjati r-restaurant gewwa Paceville, il-kirja tal-villa fil-Mellieha bl-ghamara li jista' jkollu fiha liema kirja tinkludi wkoll id-dritt tal-*first refusal* meta suppost jispicca il-perjodu tal-kirja, ix-*shares* kollha li l-konvenut ghandu fis-socjetajiet li ghandu l-istess konvenut, il-karozza BMW minnu wzata, il-kirja tal-hwienet li qieghed jiggestixxi direttament jew indirettament f'Selmun Hotel u l-flus u dak kollu li prezentement jinsab fil-pussess tieghu.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba htijiet imputabbli esklusivament lill-konvenut liema nuqqasijiet jinkludu l-adulterju;

Tilqa' wkoll it-Tieni Domanda kif dedotta fic-citazzjoni;

Tilqa' wkoll it-Tielet u r-Raba' Domandi li qed jigu kkonsidrati flimkien u tiddikjara li l-komunjoni ta' l-akkwisti konsistenti fl-assi imsemmija aktar 'il fuq fil-korp ta' din is-sentenza; u tassenja lill-attrici per saldu ta' sehemha mill-komunjoni u anki flimkien mat-talba ghal manteniment mitlub il-proprjeta` intiera tal-fond matrimonjali "Pearl House" numru 26/28 Wilga Street, Paceville u wkoll il-garaxx sottopost ghal Lotus Flats f'Upper Gardens, San Giljan, proprjetajiet liberi minn kull piz jew dejn; waqt li lill-konvenut tassenjalu per saldu ta' sehemu mill-komunjoni ta' l-akkwisti r-restaurant gewwa Ball Street, Paceville illi kien igib l-isem ta' Di Gavi Restaurant gia Aldstadt Tavern Bar & Restaurant, l-inkwilinat u kull dritt li jista' jkollu fuq Gloria Gift Shop gewwa l-Lukanda Selmun Palace, Selmun gestit bhala boutique u souvenir shop, ix-shares fil-kumpaniji Island Holidays u Grand Tours Limited, kif ukoll il-flus u l-beni kollha li jappartjenu lill-istess socjetajiet u li jinkludu dawk li jinsabu f'idejn l-istralcjarju jew xi hadd ghalihom, l-inkwilinat tal-Villa "Casa Mela" mibnija fuq plot 453 Santa Maria Estate fil-Mellieha u dak kollu li jinsab fiha u inkluz ukoll id-dritt tal-*first refusal* moghti favur l-istess konvenut; kull dritt li jista' jkun fadal lill-partijiet fuq il-flat 2 Sunshine Flats, Upper Gardens, San Giljan, il-vettura BMW uzata mill-konvenut u kull vettura ohra tieghu, u tiddikjara li l-konvenut ghandu jhallas u jaghmel tajjeb ghal kull dejn jew pendenzi gravanti l-komunjoni ta' l-akkwisti u ghandu jaghmel tajjeb bil-privileggi u drittijiet skond il-ligi senjatament bil-proprjeta` tar-restaurant f'Ball Street, hawn fuq imsemmi;

Tilqa' wkoll il-Hames Domanda b'dan li kull ammont ghal dota jew dotarju huma inkluz fid-divizjoni ordnata hawn fuq u li l-partijiet tilfu d-drittijiet successorji reciproci taghhom u tilqa' t-talba sa fejn applikabbli kontra l-konvenut.

L-ispejjez, inkluzi dawk tal-Perit David Pace ghal perizja intaxxata, ghandhom jithallsu mill-konvenut.

Emanuel Sciriha

Kopja Informali ta' Sentenza

Deputat Registratur